MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 86/2014

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Jeffrey Busuttil**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jeffrey Busuttil ta' 3 sena, bin Francis u Mary Grace nee Barbara, imwieled tal-Pieta' fil-25 ta' Frar 1976 u li joqgħod f'numru 43, Flat 1, Triq il-Parroċċa, Imqabba u li għandu l-karta tal-identita' bin-numur 168076(M)

Akkużat talli

1. Fl-10 ta' Novembru 2010 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer seraq pistola tal-għamla IAG bin-numru tas-serje 156680 li jiswa aktar minn mija u sittax-il Ewro) pero anqas minn elfejn u ħames mitt Ewro (€ 2500) għad-detriment ta' persuan mhux magħrufa liema serq huwa aggravat bil-valur tal-ħaġa misruqa;

2. U aktar, talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjenetement, b'kull mod li jkun, indaħal biex imexxihom;

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, mingħajr liċenzja tal-kummissarju tal-pulizija, kellu fil-pussewss jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu;

4. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajeit u ċirkostanzi ġie fil-pussess ta' arma tan-nar, jiġifieri pistola tal-marka IAG b'numru tas-serje 156680 jew munizzjon, xort'oħra milli b'liċenza, u minnufih naqas jagħti avviż tagħhom lill-Kummissarju tal-Pulizija ħalli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon għandhomx jinżammu taħt idejn il-Pulizija jew taħt idejn il-persuna li tkun tat l-avviż;

5. U aktar, talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, iffalsifika biljett tal-flus, liema biljett tal-flus falsifikat huwa ta' valuta EURO;

6. U aktar, talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, mingħajr awtorita' legali jew minghajr skuża leġittima jew raġonevoli xtara jew irċieva mingħand xi eprsuna, kif ukoll kellu fil-pussess tiegħu, biljetti tal-flus Euro falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;

7. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu d-drog erojina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-doroga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dna bi ksur tar-regolament tal-1939 dwar il-kontroll interna tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi skur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, wara li ġie kkundannat f'Malta għal serq jew għal riċetazzjoni b'diversi sentenzi, instab fil-pussess ta' għodod tajbin għall-ftuħ jew sgassar ta' serraturi, u cioe' żewġ tornaviti, gripper u żewġ ingwanti mingħajr ma ta kont sodisfċenti għal liema skop leġittimu nstabu għandu f'dak iż-żmien.

9.U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, saq il-vettura EAU 147 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluża;

10. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu hekk mill-Pulizija jew ma ħalliehx jew fixklu waqt li qed jagħmel dmirijietu je b'xi mod bla jedd indaħal fl-istess dmirijiet billi ma ħalliex lill-membru tla-Korp tal-Pulizija jagħmel dak li b'liġi kien ordnat li jagħmel u billi ħassar jew ġab fix-xejn dak li l-membru tal-Pulizija bħala awtorita' kien għamel;

11. U aktar billi fl-istess data, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija.

Talbiet oħra tal-Prosekuzzjoni

Il-Qorti ntalbet biex tqis li l-imputat sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 b'diversi sentenzi mogħija mill-Qrati diversament preseduti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ntalbet ukoll tordna l-konfiska tal-oġġetti esibiti.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex, jekk filwaqt tal-proċedimenti kriminali, tqis il-ħtieġa li tordna l-qorda tal-biljetti tal-flus foloz, hija għandha qabel tikkonsulta mal-Bank Ċnetrali ta' Malta, u għandha, jekk u skont ma jista' jkun jinħtieġ il-Bank Ċentrali, tieqaf milli tordna l-qerda tagħhom u tgħaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Ċentrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 50(3) tal-Mkap 204 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija  tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti u dan skont l-artikolu 533 tal-Kap 9.

**Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija fl-**24 ta' Frar 2014** li fiha l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih ħalief l-ewwel waħda u kkundannatu għall-erbgħin xahar priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €700. B'applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap 65 skwalifikatu minn kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sitt xhur li għandhom jibdew jiddekorru wara li jiskonta l-perjodu ta' priġunerija msemmija; b'applikazzjoni tal-artikolu 57 tal-Kap 480 skwalifikatu minn kull liċenzja għall-perjodu ta' ħames snin; u ikkundannatu jħallas l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatriet ta' esperti li jammontaw għal €2139.58. Peress li l-imputat instab ħati tat-tieni imputazzjoni li hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni l-Qorti asteniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni. Fl-aħħar ordnat id-distruzzjoni mir-Reġistratur tal-flus u tad-droga esibiti.

**Ir-rikors tal-appell**

Rat ir-rikors tal-appell intavolat fis-**6 ta' Marzu 2014** li fih talab ir-riforma tas-sentenza tal-24 ta' Frar 2014 billi tikkonfermaha fejn dik il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża u fejn sabitu ħati tas-seba', tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il akkuża filwaqt li tilliberah mill-akkużi l-oħra.

L-aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti.

Fit-tieni akkuża l-prosekuzzjoni riedet tipprova li l-pistola kienet misruqa u kienet fil-pussess tal-appellant. Din il-prova ma saritx. Fil-vettura kien hemm żewġ persuni, wieħed minnhom ħarab u l-Pulizija sabu l-pistola barra fit-triq ftit metri 'l bogħod mill-vettura viċin fejn ipoġġi l-passiġġier. L-appellant kien is-sewwieq tal-vettua. B'hekk kienet il-persuna l-oħra li kellha l-pussess tal-pistola u meta din il-persuna ħarbet waqqgħet il-pistola. Biex il-Prosekuzzjoni tipprova t-tieni akkuża, trid tipprova li l-appellant kien konsapevoli li fil-vettura kien hemm dik il-pistola u li kien jaf li l-pistola kienet misruqa.

Konsegwentement il-Qorti ma setgħetx issib lill-imputat ħati tat-tielet u tar-raba' akkuża.

Għar-rigward tal-ħames u s-sitt akkuża jidher li nstabu photocopies bil-kulur ta' flus tal-Euro. Tant kienu ħżiena dawn il-photocopies li qatt ma setgħu jiġu żbaljati bħala l-oriġinal. Il-Qorti lanqas ħasset il-ħtieġa li taħtar espert tal-Qorti biex teżamina l-photofopies in kwistjoni għaliex an average person kien jinduna mill-ewwel li dawn huma fotokopji.

Għar-rigward tat-tmien akkuża, l-appellant huwa electrician u dak li kellu kienu għodda ta' electrician.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Ikkonsidrat

L-ewwelnett, dan l-appell huwa limitat għall-imputazzjonijiet numru 2, 3, 4, 5, 6, u 8. L-appellant kien liberat mill-ewwel imputazzjoni waqt li huwa talab konferma tal-ħtija tal-imputazzjonijiet bin-numru 7, 9, 10 u 11.

Mill-atti jirriżulta dan li ġej.

Skont PC 1503 David Buhagiar fl-10 ta' Novembru 2010 għall-ħabta tat-3.30pm, huwa u pulizija ieħor kienu għaddejin minn Ħal-Kirkop. Huma nnutaw vettura EAU-147 bi tnejn min-nies fiha li l-aġir tagħhom kien suspettuż. Il-persuni fil-karozza żiedu fl-ispeed malli raw il-pulizija warajhom u saħansitra daħlu kontra l-one-ways sa ma fl-aħħar ix-xufier ħabat ġo parapett. Kif ħabt eżatt raw id tarmi xi ħaġa 'l barra minn karozza. L-appellant irreżista l-arrest. Fuqu sabu tip ta' mus ta' kulur silver. Instabet arma fil-parapett li kien ramiha l-appellant. (ara fol 59). Din kienet intremiet min-naħa tax-xufier. (fol 59).

Instabu l-flus fil-bagoll tal-karozza waqt li l-ingwanti u l-mus instabu fil-bieba n-naħa tax-xufier. Kien hemm għodda taħt it-tapit tax-xufier u paper knife fuq quddiem in-naħa tax-xufier. Il-flus instabu fuq wara wkoll fejn kien hemm file u ħafna karti tal-HSBC. Kien hemm helmet fuq wara u għodda fuq it-tapit in-naħa tal-passiġġier.

PS 746 Jeffrey Attard McCarthy xehed li wieħed mill-Pulizija kien infurmah li ra lix-xufier jarmi xi ħaġa mit-tieqa. PC 525 iċċekkja fil-ħamrija tal-parapett u sab pistola żgħira ta' kalibru żgħir. Kellha l-isem IAG 4mm u ġol-magazine kien hemm sitt bullets.Dan ix-xhud ta l-warning lill-appellant, li kien arrestat u li kellu dritt li jkellem avukat. Ix-xhud għamel tfittxija u sab żewġt iċwievet ta' vetturi differenti fil-glove box. Taħt it-tapit tan-naħa tax-xufier huwa gripper u paper cutter. Minn ġol-bieba eleva turnavit, side cutter, swiss knife aħmar u aktar qabel PC525 kien sablu ingwanti tad-

drapp ġo l-istess bieba. Fuq it-tapit tan-naħa tal-passiġġier kien sab żewġ torches żgħar u gripper ieħor. Fil-bagoll fuq in-naħa tal-lemin kien sablu crash helmet iswed full face waqt li fuq in-naħa tax-xellug PC 525 kien sablu sleeve tal-plastik tal-100 Euro fil-bagoll f'ribbon tal-HSBC. Huwa kien għadd il-flus u sab 146 karta tal-100 Euro. Kien hemm qishom kopji tal-50 Ewro u tal-100 Ewro. Kien hemm karta A4 ta' kulur kannella u bil-logos tal-HSBC fuqha. Fid-depot l-appellant stess kien qalilhom li s-sustanza li sabu fuqu kienet erojina. [1]

Xehed l-Ispettur Ian Abdilla fil-5 ta' Marzu 2012 u ppreżenta diversi sentenzi u dokumenti oħra. Fost dawn is-sentenzi u dokumenti hemm is-sentenza tal-24 t'April, 2002 (piena: tliet snin priġunerija; ir-reat ta' serq fost l-imputazzjonijiet); u s-sentenza tad-9 ta' Novembru 2005).

Xehed ukoll PC 525 Charlton Falzon (fol 149) li rrefera għal dak li seħħ fl-10 ta' Novembru 2010. Huwa kkonferma li żewġ persuni f'karozza Vauxhall Astra bajda bin-number plate EAU-147 bdew jgħaddu mill-one-ways biex jitilfuhom. Min-naħa tax-xufier intrema oġġett f'parapett. Fil-parapett kien hemm pistola ta'kulur iswed li kien fiha balal fil-magazine tagħha. Fil-kaorzza nstabu żewġ grippers, tornavit, side cutter swiss knife, żewġ torches u 164 karta tal-100 Euro li kienu foloz. L-imputat kien qalilhom li l-pistola mhix tiegħu u l-flus foloz keinu ser jintużaw f'xi film.

Ix-xhud PC 752 Justin Said ikkonferma li kienu sabu żewġ roaches fuq l-imputat (fol 153).

PC 1429 Eric Mangion ikkonferma li lill-imputat kienet ingħatatlu riċevuta tal-oġġetti li kienu ġew elevati. (fol 155).

PC 832 Dunkin Vella xehed li informalment l-imputat kien qalilhom li l-flus kienu photocopies u kienu ser jintużaw għall-film li kien ippjanat. Saret tfittxija fil-fond fejn kien joqgħod l-imputat iżda ma nstab xejn li kien irregolari. L-imputat qalilhom li l-photocopies kien għamilhom huwa stess (fol 163). Huwa kien għamel strixxa sewda biex dawn ikunu distinti minn flus li huma tajbin u għaldaqstant ma jintużawx min-nies.

Xehed il-Brigadier Maurice Calleja li qal li l-pistola kienet tiffunzjona. Huwa qal ukoll li din il-pistola kienet insterqet minn gun shop. Mir-relazzjoni jirriżulta li kien hemm sitt bullets tal-kalibru 7.65. Il-pistola hija waħda tat-tip semi awtomatika tat t-ip Galesi Registered Number 156680.

Xehed Robert Mifsud li kien maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti bħala espert kontra l-kontrafazzjonijiet ġewwa l-Bank Ċentrali. Mill-analiżi tiegħu rriżulta li dawn il-flus kienu foloz u r-raġuni ewlenija hija li

[1] Ara wkoll ix-xhieda ta' PC 735 David Mizzi dwar x'instab fil-pakett tar-Rothmans Blue elevat minn fuq l-appellant.

għandhom serial number l-istess għall-flus kollha u fatturi oħra ta' sigurta' bħal watermarks security neqsin. (fol 178, 182 u 185).

WPC 66 Pauline Bonello xehdet li għamlet riċerka dwar armi f'isem l-imputat u qalet li ma nstabu ebda records li juru li l-imputat għandu xi armi f'ismu. (fol 187).

Is-Sur Brian Farrugia kkonferma li l-karozza EAU -147 kienet irreġistrata f'isem l-imputat. (fol 189) u ilha hekk rreġsitrata mit-23 t'Awwissu, 2010.

Xehed ukoll Mario Salnitro (fol 202) li qal li għandu gunshop ġewwa San Ġwann u kkonferma li kienet saret serqa fil-ħanut tiegħu fl-4 ta' Mejju 2010. Huwa qal li waħda mill-armi misruqin kienet dik li għaliha qed issir referenza f'dan il-proċess. Il-prezz tagħha jidher li huwa 90Ewro (fol 205 dokument 23).[2]

Dr Martin Bajada kkonferma r-relazzjoni tiegħu fil-25 ta' Frar 2013.

Fil-verbal tas-26 ta' Ġunju 2013, il-partijiet eżentaw lill-Prosekuzzjoni milli terġa' ttella' x-xhieda li kienu nstemgħu mill-ġdid.

L-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli fil-31 ta' Lulju 2013 (fol 239) u l-imputat iddikjara lima kellux oġġezzjoni li l-kawża titkompla bi proċedura sommarja. (fol 262).

L-imputat iddikjara li m'għandux provi x'jipproduċi. (fol 264).

**Dwar it-tieni imputazzjoni**

Bħall-Ewwel Qorti din il-Qorti hija moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni ppruvat din l-imputazzjoni. Jirriżulta mill-atti li PC 505 ra l-oġġett jintrema min-naħa tax-xufier, li l-imputat kien ix-xufier, li dan l-oġġett spiċċa f'parapett, u li dan l-oġġett kien il-pistola. Għalhekk teżisti r-rabta bejn il-pistola u l-imputat.

[2] Ara wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud a fol 254.

Tressqet prova mill-Prosekuzzjoni li din il-pistola kienet insterqet fl-4 ta' Mejju 2010, jiġifieri sitt xhur qabel ma seħħ l-inċident in kwistjoni.

Waqt li l-Ewwel Qorti ma ħaditx konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni ta' serq għaliex dina kienet alternattiva għat-tieni imputazzjoni, hija sabet lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni – dik ta riċetazzjoni.

Din il-Qorti qed tasal għall-istess konklużjoni. Il-provi kollha jippuntaw għas-sejbien ta' ħtija ta' riċetazzjoni da parti tal-appellant għaliex il-pistola nstabet f'idejh u l-pistoli ma jaslux f'idejn persuni bil-kumbinazzjoni speċjalment meta l-imputat lanqas biss għandu liċenzja biex iżomm tali pistola.

Kienet ukoll eżatta l-Qorti tal-Maġistrati meta qalet li l-pistola tiswa anqas minn €232.94 għaliex il-fattur stess turi dan u għalhekk ġustament għandu jinstab ħati ta' riċetazzjoni ta' oġġett akkwistat b'serq sempliċi.

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dik il-parti tal-aggravju dwar it-tieni imputazzjoni.**

**It-tielet imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni tirreferi għaż-żamma ta' arma tan-nar barra minn fond jew post li jagħmel miegħu.

Mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li l-appellant kellu l-pistola f'idejh barra minn xi fond. Fil-fatt kien qed iġorr l-arma fil-karozza u remieha barra mill-karozza.

**Għalhekk tirriżulta t-tielet imputazzjoni u l-Qorti qed tiċħad dik il-parti tal-aggravju dwar it-tielet imputazzjoni**.

**Ir-raba' Imputazzjoni.**

Din l-imputazzjoni hija dwar in-nuqqas tal-imputat għax ma tax avviż dwar il-pistola lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Mill-provi prodotti, l-appellant lanqas biss kellu liċenzja ta' xi arma, aħseb u ara kemm ta xi avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar l-arma li kienet tinsab f'idejh nhar l-10 ta' Novembru 2010.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi li tirriżulta r-raba' imputazzjoni u l-Qorti qed tiċħad dik il-parti tal-aggravju dwar ir-raba' imputazzjoni.**

**Il-ħames imputazzjoni – falsifikazzjoni ta' flus.**

Jirriżulta minn dak li qal l-imputat lill-Pulizija li kien huwa stess li għamel photocopies tal-flus għand stationery li huwa għażel li ma jsemmix. L-għan kien biex jintużaw f'film u qal ukoll li ħa l-prekawzjoni, permezz ta' linja sewda, sabiex in-nies ma jużawhomx ħażin.

Din il-prova hija ammissbbli minħabba d-dispożizzjoni tal-artikolu 658 tal-Kap 9. Il-Prosekuzzjoni wkoll għarrfet lill-appellant sa mill-mument tal-arrest.

Id-difiża ssottomettiet li wieħed seta' jinduna li dawn ma kinux flus ġenwini mal-ewwel daqqa t'għajn. Min-naħa l-oħra, l-imputat ma kellu ebda ħsieb li jqarraq jekk dawn il-'flus' jaslu f'idejn in-nies.

Legalment, is-sottomissjoni li wieħed seta' jinduna li l-flus mhumiex ġenwini mal-ewwel daqqa t'għajn (ictu oculi) ma jgħoddx fejn jidħlu flus li huma meqjusa bħala dokument. Din is-sottomissjoni tista' tgħodd f'sitwazzjonijiet oħrajn kif jgħid il-Professur Mamo fit-Tieni Parti tan-Noti tiegħu a fol 160:

'A perfect imitation isnot, of course, necessary. But if the manner of executing the forgery is so clumsy that the forgery itself is obvious almost 'ictu oculi' then the crime of forgery is negatived, although there may be another kind of offence (fraud). Rex versus L.Cassar C.C. 18th November 1941).....

If, however, the forgery has in fact deceived, the question of the manner of the falsity cannot be raised. (C.C. Rex vs P.Borg 7th May 1915; Rex vs V.Muscat 22nd September 1942; Rex versus Azzopardi 2nd February 1942). '

Min-naħa l-oħra fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Jamal Ragib El Badawi' tat-12 ta' Jannar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri qalet hekk;

'Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-17 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea**, id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku kif spjegata mill-awturi giet deskritta b'dan il-mod:

**"filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tiegħu (ara Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II* (Giuffre`, Milano, 1986) p. 604). Fi kliem**

**Manzini (*Trattato*, v. VI, n. 2296, p.829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun ġenwin 'non e' veredico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero'.**

**Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun**

**tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., *op. cit.*, p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll**

**b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar, u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu, imqar temporaneament, il-messaġġ – karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid, plastik, eċċ."**

Għalhekk, bħalma korrettement qalet l-ewwel Qorti, *"huwa possibbli li tiehu karta ta l-għaxar liri u tbiddlilha xi waħda mill-karatteristiċi tagħha iżda huwa possibbli wkoll li toħloq karta ta' l-ghaxar liri b'kull mezz li jkollok għad-disposizzjoni tiegħek"*. Dik il-Qorti mbagħad qalet illi fil-każ tal-erba' karti tal-għaxar liri li nstabu fil-pussess ta' l-appellant hemm il-*falso materiale*. Qalet: *"Dan [il-falso materiale] jeżisti fl-4 karti ta' l-għaxar liri li nħolqu minn xi ħadd li seta' uża kull mezz biex fl-ahhar johrog prodott li jixbah l-ghaxar liri Maltija. Il-falz materjali ma jinħoloqx bl-alterazzjoni biss iżda jista' jinholoq ukoll billi wiehed ifassal dokument ġdid. F'dan il-każ il-Qorti mhix qed teskludi li seta' sar minn fuq brochure tal-flus Maltin ghaliex il-kelma 'Specimen' fil-ġenb tidher f'dawn il-brochures."*

omissis

Fl-aħħarnett l-appellant isostni illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta eskludiet ir-rekwiżit tal-potenzjalita` li d-dokument ikun jista' jqarraq u l-ġurisprudenza citata mill-ewwel Qorti ma tapplikax għal dan il-każ. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-ilment peress illi certament biljetti tal-flus huma dokumenti pubblici u għalhekk mhux il-kaz li tigi nvestigata l-potenzjalita` li d-dokumenti in kwistjoni jistgħu jqarrqu.'

Din il-Qorti għamlet din ir-referenza twila minħabba li din is-sentenza tirrisolvi l-problemi kollha li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-każ. L-ewwelnett hemm spjegazzjoni detalljata ta' kif issir il-falsifikazzjoni. It-tieni din il-falsifikazzjoni tqieset li saret ukoll jekk kien hemm il-kelma 'specimen' miktub fuq il-brochure tal-flus minn fejn saret il-kopja. It-tielet il-flus għandhom jitqiesu dokument pubbliku u għalhekk mhux il-każ li tkun investigata l-potenzjalita' li d-dokumenti in kwistjoni setgħu jqarrqu.

Mill-bqija din il-Qorti ftit temmen il-verżjoni li ta l-appellant lill-Pulizija li l-flus kienu intiżi għall-produzzjoni ta' film. Imkein fil-bqija tal-provi ma jissemma x'jismu dan il-film, min kien ser jaħdem fih u fejn kien ser jinħadem. L-appellant lanqas ried biss jagħti ħjiel tal-isem tal-istationer fejn saru l-fotokopji. Li kieku tassew kien ser isir film, ma kien hemm xejn xj jżomm lill-appellant milli jagħti aktar dettalji dwaru u dwar l-istationery fejn saru l-kopji. Barra dan, in-numru ta' karti ta' valuta involut – 146 – huwa wieħed qawwi sew u ma tantx jimxi mal-fil tal-istorja dwar il-film. Il-Qorti ma temminx il-verżjoni li l-appellant ta lill-Pulizija li huwa kien għamel dik il-linja sabiex in-nies ma jitħawdux bejn il-flus foloz u l-flus ġenwini. Fl-aħħarnett il-Qorti tagħmel tagħha r-rimarka li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati meta qalet hekk:

'Il-flus foloz instabu fil-vettura tal-imputat u għalhekk m'għandu jkuen hemm l-ebda dubju li kienu fil-pussess tiegħu. Lanqas pero' m'ghandu jkun hemm dubju li kien l-imputat li iffalsifika l-flus għaliex għalkemm ma nġiebet ebda prova diretta dwar dan, mill-provi indizzjarji kollha, partikolarment ir-riżma karti bil-flus stampati fuqhom (li kienu għadhom mhux maqtugħin) u l-karti bilp-kopji ta' bundle rolls bl-isem HSBC fuqhom (ukoll għadhom mhxu maqtugħin) il-konklużjoni waħda tista' tkun u cioe li kien l-imputat li kien qed jagħmel dawk il-kopji.'

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dik il-parti tal-aggravju li għandha x'taqsam mal-ħames imputazzjoni**.

**Is-Sitt Imputazzjoni – Pussess ta' flus iffalsifikati**

Il-Qorti tirreferi għall-konsiderazzjonijiet li saru dwar il-ħames imputazzjoni. Barra minn dan, kif diġa' ntqal, dawn il-flus instabu fil-pussess tal-appellant. Loġikament l-appellant għandu jinstab ħati ta' din l-impujtazzjoni.

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll dik il-parti tal-aggravju li għandha x'taqsam mas-sitt imputazzjoni.**

**It-tmien Imputazzjoni. Sejbien ta' għodod tajbin għall-ftuħ jew sgassar ta' serraturi.**

L-elementi tal-artikolu 287 huma dawn:

(i) li tkun nstabt ħati tar-reat ta' serq;

(ii) li jkollok fil-pussess tiegħek għodod tajbin għall-ftuħ jew sgassar ta' serraturi (bħala wieħed mill-indikazzjonijiet li jidher fil-lista twila ta' dan l-artikolu);

(iii) wieħed ma jagħtix kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu kienu jinsabu għandu dak iż-żmien.

Id-difiża ssottomettiet li l-appellant huwa electrician. Bir-rispett kollu, meta l-appellant irrisponda l-unika mistoqsija fl-istqarrija, imkien ma indika li huwa xi electrician. Din id-deskrizzjoni tal-appellant bħala electrician tirriżulta biss mir-rikors tal-appell. Għalhekk żgur ma tistax titqies bħala 'kont sodisfaċenti'.

Iż-żewġ elementi l-oħra huma żgur preżenti għax ippruvati bis-sentenzi esibiti li juru kundanni għal serq kif ukoll bil-preżenza ta' tornavit u gripper fil-karozza tal-appellant.

**Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiċħad ukoll dik il-parti tal-aggravju li għandu x'taqsam mat-tmien imputazzjoni.**

M'hemmx kontestazzjoni dwar is-seba', id-disa, l-għaxar u l-ħdax l-imputazzjoni waqt li l-Qorti tal-Maġistrati asteniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni minħabba li din kienet alternattiva għat-tieni imputazzjoni.

Konklużjoni

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-aggravju tal-appellant kull kemm hu u għal kull imputazzjoni li huwa appella dwarha u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fl-24 ta' Frar 2014 **fl-intier tagħha** inklużi l-kundanna għal erbgħin xahar priġunerija, il-ħlas ta' multa ta' €700; l-iskwalfika għal zmien sitt xhur minn kull liċenzja tas-sewqan li jibdew jiddekorru meta tintemm il-piena ta' priġunerija; l-iskwalifika ta' kull liċenza ai termini tal-artikolu 57 tal-Kap 480 għal żmien ħames snin; u l-ħlas lir-reġistratur tas-somma ta' €2139.58 bħala spejjeż inkorsi mal-ħatriet ta' esperti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------